MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2014

Numru. 872/2009

**Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216 (1)(a)(b)(d) (2), 338(dd) u 533 tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**RYAN DIMECH**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RYAN DIMECH,** ta’ 30 sena iben Carmel u Maria Carmela nee’ Medati, imwieled Pieta’ (Malta) nhar l-24 ta’ April, 1979 u residenti Flat 1, Taflija Flats, Triq il-Hagra l-Wiqfa, Xemxija, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0215579(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-23 t’Awwossi 2009, ghal habta ‘16.25 hours’, gewwa Triq il-Herba, Birkirkara u f’bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Stephen Borg li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 0155778(M);

2. Volontarjament kiser il-bon ordrni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Il-Qorti giet mitluba wkoll titratta mal-imputat Ryan Dimech talli sar ricediv b’sentenza/i tal-Qorti liema sentenza/i huma definittivi w ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Stephen Borg bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta et sequitur.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li tinsab a fol 3 tal-process, fedina penali li tinsab a fol 4 u l-karta tal-identita’ tal-imputat li tinsab a fol 21.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-30 ta’ Lulju 2010 li dawn l-istess artikoli gew moqrija fis-seduta tat-23 ta’ Frar, 2011. Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2011 l-imputat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata minn din il-Qorti.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta nhar id-29 ta’ Mejju, 2014 fejn ma deher hadd u ghalhekk il-kawza kienet giet differita ghall-4 ta’ Lulju, 2014 bl-intendiment li jitressqu l-provi kollha li ghad fadal.

Illi fl-4 ta' Lulju 2014 l-imputat kien imsiefer fuq xoghol u ghalhekk il-kawza kienet giet differita ghat-28 ta' Lulju 2014.

Illi fit-28 ta' Lulju 2014 l-imputat u l-avukat tieghu kien imsefrin u ghalhekk il-kawza kienet giet differita ghat-13 ta' Awwissu 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-Parte Civile ma setax jigi rintraccat sabiex isirlu l-kontro-ezami.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Awwissu 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlettax (13) ta' Awwissu 2014.

Il-Qorti rat l-atti tal-process partikolarment li l-incident in kwistjoni sehh seba' snin ilu. Rat illi l-vittma ma jistax jigi rintraccat. Qieset il-feriti subiti minnu u cioe' dawk deskritti mid-dentist Dr Adam Bartolo fix-xhieda tieghu tat-30 ta' Gunju 2010 fejn ikkonkluda illi Borg ma

kellux ksur fix-xedaq ghalkemm kellu ksur f'sinna artificjali u ksur f'zewg sinniet li kienu naturali pero' mghottija b'bicca artificjali wkoll.

Rat illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda reflettarja ghalkemm ma jirrizultax illi mis-sena 2004 'l hawn huwa kkommetta xi reat iehor u ghaldaqstant thoss stante t-trapass taz-zmien illi hi ghandha zzomm lill-imputat il-boghod mill-hajja ta' kriminalita' u ghalhekk li thoss li hija ghandha tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation u fl-istess hin tordnalu jhallas kumpens lill-vittma Stephen Borg.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216 (1)(a)(b)(d) (2), 338(dd) u 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, <u>il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat RYAN DIMECH hati tal-akkuzi tiddeciedi li tpoggieh taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tliet snin mil-lum skond l-ordni annessa u ai termini tal-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jhallas kumpens lil Stephen Borg fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) u dan fi zmien sena mil-lum.</u>**

**<u>Tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat kif ukoll tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb din l-ordni ta' Probation.</u>**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------